- *KOLLIZJONI –*
- *DIZABILITA` PERMANAENTI –*
- *DAMNUM EMERGENS – LUCRUM CESSANS -*
- *MULTIPLIER - WORKING LIFE EXPECTANCY-*
- *LUMP SUM PAYMENT-*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 31 ta' Jannar 2002**

**Kawza Numru: 35**
**Citazzjoni Numru: 2681/97/RCP**

**Lizio sive Grazio Agius**

**vs**

**Bernard Grech**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fit-18 ta' Novembru 1996 ghall-habta tal-5.15 p.m. waqt li l-attur kien ghaddej ghad-dritt minn Xghajra Road, Zabbar bil-motor cycle Yamaha numru Q-1739 miexi lejn id-direzzjoni tax-Xghajra, hu kellu kollizjoni mal-VW numru 0-5403 misjuqa mill-konvenut li kien gej mid-direzzjoni opposta b’dan li l-istess konvenut qabad u qasam il-kurrent tat-traffiku billi kiser intempestivament mal-lemin tieghu biex jidhol fi Triq Alessio Erardi, triq laterali (Dok ‘A’);

Illi bhala rizultat ta' dan l-incident, li gara mhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut, l-attur sofra feriti ta' natura gravi u permanenti fuq il-persuna tieghu kif jirrizulta mir-rapport mediku rilaxxjat minn Dr Carmel Apap Bologna, M.D., F.R.C.S., F.R.C.S.E. (Dok ‘B’) oltre danni ohra materjali.

L-istess attur talab li l-konvenut jghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-incident stradali li sehh bejn il-partijiet Haz-Zabbar fit-8 ta' Novembru 1996 gara unikament b’tort u htija tal-konvenut imhabba traskuragni; imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;

2. Tillikwida d-danni li sofra l-attur, jekk hemm bzonn bl-opera ta' perit jew periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta' danni hekk likwidat.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra legali tas-17 ta' Dicembru 1996, dawk ta' l-ittra ufficjali kontra l-konvenut tas-17 ta' Ottubru 1997, dawk ta' l-ittra ufficjali kontra Allied Insurance Services Ltd (l-assikuraturi tal-konvenut) prezentata kontestwalment ma' din ic-citazzjoni, u bl-imghax skond il-ligi, kontra l-konvenut li jibqa' mharrek ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 *et seq* tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa :-

1. Illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda billi t-tort tal-incident tat-traffiku tat-18 ta' Novembru 1996 sehh unikament tort tal-istess attur li minhabba l-velocita` eccessiva u inkontrollata baqa' diehel fil-vettura stazzjonarja tal-konvenut.

2. B'riserva ta' eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol. 15 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tad-19 ta' April 1999 fejn xehdu l-attur u Emanuel Magro. Gie nnominat it-Tabib Kirurgu Charles Grixti biex jistabbilixxi l-grad ta' dizabilita` li minnha

qed isofri l-attur; u tal-5 ta' Novembru 1999 fejn l-Espert Kirurgu Charles Grixti halef ir-rapport;

Rat in-nota tal-konvenut li talab li jigu nominati periti medici addizzjonali billi huwa jhossu aggravat bl-imsemmi rapport;

Rat il-verbali tas-seduti tat-22 ta' Marzu 2000 il-Qorti nnominat lill-Periti Addizzjonali lit-Tabib Kirurgu Carmel Sciberras, lit-Tabib Kirurgu Zammit Maempel u lit-Tabib Kirurgu Anthony Bernard b'dan li kull wiehed minnhom qieghed jinghata l-fakolta` li jiddeferixxi l-gurament lill-attur qabel ma jigi ezaminat. Dan l-inkarigu qieghed jinghata a spejjez provizorjament tal-konvenut; tal-31 ta' Mejju 2000; tal-31 ta' Ottubru 2000;

Rat in-nota tal-attur li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu flimkien ma' prospett tad-danni minnu subiti;

Rat il-verbali tas-seduti tat-12 ta' Dicembru 2000 fejn xehed is-Surgent PS 91 Michael Buttigieg. Dr. P. Gauci Maistre ddikjara li hlief jekk id-danni jigu kontestati l-attur m'ghandux provi aktar. Inghata digriet tal-affidavits; tat-23 ta' Jannar 2001; tas-6 ta' Marzu 2001; tal-24 ta' Mejju 2001; tas-6 ta' Gunju 2001 fejn halef ir-rapport addizzjonali; Rat in-nota tal-konvenut li permezz taghha pprezenta l-affidavit tax-xhieda tieghu;

Rat il-verbal tas-seduti tat-23 ta' Ottubru 2001 fejn xehdu PS 91 Michael Buttigieg, l-attur in kontro-ezami u Bernard

Grech in kontro-ezami. Id-difensuri qablu li m'ghandhomx provi aktar. Dr. Mifsud Bonnici rrinunzja ghall-eskussjoni tal-Perit Mediku. Dr. Carmelo Mifsud Bonnici talab li jaghmel nota. Il-Qorti laqghet it-talba. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-15 ta' Jannar 2002;

Rat in-noti tas-sottomissjonijiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II.KONSIDERAZZJONIJIET

### A. AZZJONI ATTRICI

Illi din hija kawza dwar incident awtomobilistiku li gara fit-18 ta' Novembru 1996 f'Haz-Zabbar bejn *motor-cycle* Yamaha Numru Q-1739 misjuqa mill-attur u l-karozza Numru O-5403 misjuqa mill-konvenut. L-attur qed jitlob li l-konvenut jigi dikjarat responsabbli tal-istess incident u danni, u jigi kkundannat ihallas id-danni likwidati lilu, inkluz dawk sofferti minhabba d-dizabilita` permanenti tal-attur kawza tal-istess incident.

Illi l-konvenut qed jikkontesta r-responsabilita` tieghu tal-istess incident minhabba l-allegata velocita` eccessiva u

nkontrollata tal-attur li baqa' diehel fil-vettura stazzjonarja tieghu.

## B. APPREZZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI DWAR L-INCIDENT

Illi **l-attur** ikkonferma d-dikjarazzjoni guramentata tieghu fejn qal illi fid-data fuq imsemmija ghall-habta tal-5.15 p.m. kien qed isuq bi *speed* moderat il-*motor-cycle* Yamaha miexi minn Xghajra Road, Zabbar ghad-dritt lejn id-direzzjoni tax-Xghajra. Huwa qal illi l-konvenut li kien bil-Volkswagen kien gej mid-direzzjoni opposta u meta ma kien hemm distanza ta' xejn bejn iz-zewg vetturi, hu qabad u qasam il-kurrent tat-traffiku u gibed ghal quddiem l-esponent biex ittanta jikser fuq il-lemin tieghu u jidhol fi Triq Alessio Erardi li hi triq sekondarja u b'hekk sehhet il-kollizjoni.

Illi in kontro-ezami qal illi hu kien ghaddej qisu b'xi 40 km pero` meta dar il-kisra huwa naqqas il-velocita`. Huwa qal illi ma rax il-karozza gejja u kif dar il-kisra sabu go fih. Il-mutur ghandu daqqa fuq ir-rota ghax imbaram. Il-virga tal-mutur tghawget. Mal-impatt huwa spicca xi 4 piedi 'l boghod mill-mutur peress li nbezaq 'il quddiem. In ri-ezami qal illi l-mutur tieghu ghandu *horse-power* zghir. Huwa kien sejjer il-klabb tal-hamiem u qal il-frazi "Hudli hsieb il-hamiem" lill-missier il-mara ghax kien qieghed f'vann warajh, pero` ghaggla ma kellux ghax kien mar kmieni biex jitkellem ma' shabu.

Illi xehed ukoll **Emanuel Magro** li qal li dakinhar tal-incident kien qed isuq il-vettura tieghu wara l-mutur tal-attur sejjer lejn id-direzzjoni tax-Xghajra. F’daqqa wahda ra karozza ohra taqsam il-linja tat-traffiku u rahom jahbtu. Hu xehed li l-karozza l-ohra nvoluta fl-incident kienet gejja fl-istess triq mid-direzzjoni opposta u evidentement din riedet tidhol fit-triq sekondarja. Fi kliemu stess *"Minflok ma’ s-sewwieq taghha qaghad jistenna sakemm ighaddi t-traffiku, cioe` l-attur u anke` jien, dana qasam il-linja tat-traffiku u ppunta jidhol fi triq sekondarja”.* In kontro-ezami qal illi kien ilu miexi wara l-mutur tal-attur li kien gej mit-triq ta’ Haz-Zabbar fid-dritt. Kien diga` warajh meta kien ghadu f’din it-triq. Hu qabel illi t-triq in kwistjoni hija wahda dritta pero` ghat-tela’ u imbaghad f’daqqa wahda tikser fuq ix-xellug inti u tiela’. L-attur kien tiela’ jsuq bil-mod qisu bil-25 kilometru fis-siegha. Il-karozza tieghu hija Cortina w ilha aktar minn ghoxrin sena fuq it-triq. Mad-daqqa l-attur waqa’ mal-art u l-mutur inqaleb fuq siequ. Il-hsara fuq il-vettura tal-konvenut kienet daqqa fuq quddiem u kienet fin-nofs tax-xibka.

Illi **s-Surgent 91 Michael Buttigieg** kien l-ufficjal li acceda fuq il-post tal-incident u li ghamel l-*isketch* u l-okkorrenza. Huwa qal illi x-Xghajra Road hija triq principali mentri Triq Alessio Erardi hija wahda sekondarja. Huwa qal ukoll illi l-konvenut kien qieghed fid-dritta u se jikser ghas-*side street.* L-attur kien gej mic-centru ta’ Haz-Zabbar direzzjoni lejn ix-Xghajra u gej minn *blind bend*, jigifieri dik il-parti d-dritta ma tarahiex. Kif tikser issib triq ohra quddiemek – hemm distanza qasira ma’ fejn saret il-habta. Xehed li meta

wasal fuq il-post Lizio Agius kien diga` ttiehed l-isptar ghax hu ma marx mill-ewwel fuq il-post minhabba xi xoghol iehor. Meta wasal sab il-mutur u l-vettura nvoluta. Huwa ma ftakarx f'liema posizzjoni spicca l-mutur. Rigward il-hsarat ikkonferma r-rapport maghmul minnu.

Il-konvenut **Bernard Grech** qal li fit-18 ta' Novembru 1996 ghall-habta tal-5.30p.m. kien gej mill-Kalkara sejjer gewwa Haz-Zabbar. Hu kien wasal go fetha naqra mdaqqsa li hemm f'Xghajra Road, Zabbar u kellu l-intenzjoni li jidhol gewwa Triq Alessio Erardi. Dak il-hin kien qed ibexbex pero` x-xemx ma kienitx ghadha nizlet u ma kienx dalam. Xeghel l-*indicator* u ppunta l-karozza ghal go Triq Alessio Erardi. Huwa qasam it-triq biex jidhol go Triq Erardi. Fil-fatt kif qasam it-triq tax-Xghajra baqghu ghaddejjin il-karozzi u t-traffiku baqa' miexi regolari.

Hu qal li kif beda diehel fi Triq Alessio Erardi hu ra mutur sejjer fuqu u waqaf. F'daqqa wahda sema' hoss kbir. Habat mieghu mid-direzzjoni opposta l-attur bil-mutur 'Yamaha zghir'. Skond ix-xhud, l-attur kien gej *wrong side* minn Triq Erardi stess ghax kien fuq in-naha tal-lemin. Huwa baqa' diehel go fih u tkaxkar ghal fuq il-*bonnet* tieghu. Peress li kien rah gej fuqu lahaq waqaf. Il-konvenut qal li kien pront hareg mill-karozza u laqghu fuq idejh u l-ewwel kliem li qallu kien 'Mur iktibli l-hamiem'.

In kontro-ezami gie mistoqsi liema versjoni hi korretta jekk hux tac-citazzjoni jew fl-affidavit u qal li hija dik tal-affidavit

cioe` li kien gej *wrong side*. Hu rrisponda lill-Qorti li fl-opinjoni tieghu l-attur kien gej minn Triq Eraldi.

## C. <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI DWAR L-INCIDENT</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet fil-kawza taw zewg versjonijiet kompletament differenti ta' l-incident in kwistjoni, fejn kull wiehed mil-partijiet jaghti l-htija lill-iehor tal-istess incident. Illi ovvjament f'tali cirkostanzi, huwa ovvju li wiehed mis-sewwieqa nvoluti fl-istess incident ma huwiex qed ighid il-verita` ghalhekk din il-Qorti, fil-kuntest ta' din il-kawza, ghandha timxi fuq din il verzjoni li hija kkorroborata u li hija l-aktar wahda verosimili stante li l-verosimiljanza hija forma ta' korroborazzjoni. Fil-fatt l-attur qed isostni li huwa kien gej dritt minn Haz-Zabbar ghax-Xghajra u l-konvenut kien gej mid-direzzjoni opposta u se jmur ghat-Triq Alessio Erardi. Infatti, l-konvenut qabad u ppunta biex jidhol ghal go din it-triq minghajr ma stenna u qasam il-linja tat-traffiku. B'hekk grat il-habta mieghu. Min-naha l-ohra l-konvenut qed isostni li huwa kien ferm attent qabel ma qabad u ppunta biex jidhol ghal go Triq Alessio Erardi, pero` l-attur kien gej minn Triq Alessio Erardi '*wrong side'* u b'hekk grat il-kollizjoni.

Illi huwa wkoll *ormai* stabbilit fil-gurisprudenza taghna, li sabiex tasal ghal dan l-ezami, wiehed irid jikkonsidra x-xhieda moghtija mill-partijiet, u l-allegati versjonijiet taghhom jistghu jigu ssportati minn xhieda ohra li kienu presenti waqt l-istess incident, u jikkorroboraw l-istess, u

wkoll il-gudikant ghandu jiehu in konsiderazzjoni, jekk versjoni jew ohra hijiex verosimili, ghaliex f'dawn it-tip ta' kazi, ta' konflitt dirett fix-xhieda tal-partijiet, jista' jinghad, u hekk kemm-il darba gie ritenut, li l-verosimiljanza hija wkoll forma ta' korroborazzjoni.

Illi din il-Qorti hi konvinta li l-versjoni tal-attur hija l-wahda korretta. Dan ghal diversi ragunijiet. Fl-ewwel lok, l-attur ikkorrobora x-xhieda tieghu permezz tax-xhud indipendenti li pproduca – Emanuel Magro. Dan xehed u bl-ebda mod ma gie ppruvat il-kuntrarju li huwa kien ilu jsuq wara l-attur fid-dritt mit-triq ta' Haz-Zabbar lejn id-direzzjoni tax-Xghajra. Il-velocita` wkoll ma setghetx tkun eccessiva, kif allegat mill-konvenut, u dan ghaliex il-mutur tal-attur kien zghir (kif anke ammess mix-xhieda tal-konvenut - 'Yamaha zghir'), u anke l-karozza ta' Magro li kienet qed issegwih kienet Cortina li zgur ma tistax tinsaq b'xi velocita` eccessiva.

Inoltre galadarba stabbilit illi l-attur kien gej fid-dritt u mhux mit-Triq Alessio Erardi, jirrizulta li l-konvenut verament qabad u qasam il-linja tat-traffiku minghajr ma stenna sakemm jghaddi l-istess traffiku u pponta biex jidhol got-Triq Alessio Erardi li s-Surgent Michael Buttigieg iddeskriva bhala triq sekondarja. Dan hu evidenti mill-isketch esebit (LA2) fejn jidher li l-konvenut kien diga` hareg sew u ppunta biex jidhol got-triq sekondarja. Illi b'hekk huwa kien se jaffettwa il-*flow of traffic* u kien jinkombi fuqu li juza' l-prudenza kollha sabiex jaqsam.

Illi l-konvenut xehed li huwa xeghel l-*indicator* u ppunta l-karozza ghal gewwa Triq Alessio Erardi u qaghad attent qabel ma qasam. Illi kemm l-attur kif ukoll ix-xhud Magro xehdu li l-konvenut qabad u qasam. Illi skond il-Gibb – '**Trial of Motor Car Accident Cases'**:

*"It's not enough to sound the horn or give some other signal; it is also necessary that such warning be given at the proper time and place . The signal should be given so that it will serve its purpose".*

Illi l-istess isostni l-awtur "Wilkonson" fil-ktieb tieghu **'Road Traffic Offences**' meta jsostni li '*the driver's duty is not confined to making signals; he must see, so far as he can that they have been understood".*

Illi gie diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna nkluz fis-sentenza "**Il-Pulizija vs F Schembri**" (A.K. 26 ta' Gunju 1968) li:

*'Min johrog l-indicator, ikun qed jaghti, kif huwa obbligat, avviz lit-traffiku ta' warajh u ta' quddiemu, imma ma jistax, sempliciment ghax hareg l-indicator, jaghmel li jrid, jikser il-priorita` li jaghti r-regolamenti u jaqleb ir-'rule of the road' favur tieghu'*. *'Is-sinjal ghall-ewwel ifisser illi tkun l-intenzjoni tad-driver li jaqsam it-triq, izda mhux bizzejjed biex ikun jista' jaqsam*'.

Illi la' darba l-konvenut kien ser imur minn *main road* ghal go triq sekondarja ma kienx bizzejjed li jixghel l-*indicator*, imma ried izomm *a proper look out* sabiex ikun jista' jaqsam u b'hekk ma jostakolax il-*flow of traffic* u mhux jaqbad u jaqsam minghajr ma johloq ostakolu lit-traffiku li kien gej mid-direzzjoni opposta. Certament li tali manuvra tal-konvenut kienet il-kawza prossima tal-incident.

Illi ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi l-konvenut, minhabba l-attegjament tieghu, ghandu jinzamm unikament responsabbli ghall-incident *de quo* stante li rrizulta li kien qed isuq b'mod traskurat u wkoll b'negligenza kbira u ghalhekk huwa kien il-kawza prossima tal-incident in kwistjoni u wkoll ghalhekk responsabbli ghad-danni kollha konsegwenzjali kkagunati lill-attur.

**D. <u>Likwidazzjoni ta' Danni</u>**

Illi jirrizulta li l-istess attur kellu tletin (30) sena meta sehh l-incident u tenut kont tal-**artikolu 1045 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li:

*"Persuna responsabbli ghandha twiegeb (*inter alia) *ghat-telf ta' qliegh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta' jgib".*

Illi **fl-artikolu 1045 (2)** tali "somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacit` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u b'mod partikolari, x-xorta u il-grad ta'

inkapacita` ikkagunata, u l-kundizzjoni tal-parti li tbati l-hsara".
Illi tali regoli gew supplimentati bil-principji stabbiliti fil-kawza **"Michael Butler vs Peter Christopher Heard"** (A.C 22 ta' Dicembru 1967) li pero` giet aggustata ghaz-zminijiet aktar ricenti peress li kif intqal fil-kawza **"Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et"** (A.C. 16 ta' Novembru 1983) fejn intqal li:-

*"ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-Gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu".*

Illi hekk per ezempju ghar-rigward tal-*multiplier* applikat ghall-kuncett tal-*working life expectancy of the victim* fejn qabel ic-*ceiling* qatt ma eccedda l-20 sena, pero` llum bis-sentenza **"Mary Bugeja nomine et vs George Agius nomine"** (A.C. 26 ta' Lulju 1991) is-sitwazzjoni tbidlet sostanzjalment ghaliex l-istess Onorabbli Qorti rrikonoxxiet illi ghalkemm is-sistema stabbilita f'**Butler vs Heard** hija dik l-iktar addatta, sakemm tinstab sistema ohra ta' komputazzjoni ohra aktar gusta, pero` dan ma jfissirx illi "*l-Qorti ghandha jew tista' tikkonsidra ruhha marbuta rigorozament ma' applikazzjoni tas-sistema msemmija li jorbtilha jdejha li dejjem u f'kull kaz ghandha tapplika multiplier li f'certi cirkostanzi evidentement ikun iwassal ghall-likwidazzjoni irreali jekk mhux addirittura ngusti. Fil-fehma konsiderata taghha, sistema, tkun liema tkun, hija*

*tajba purche' thalli f'idejn il-gudikant dak il-margni ta' diskrezzjoni li hu jhoss li konformament ma' l-aspetti partikolari ta' kull kaz hu necessarju sabiex issir gustizzja".*

Illi dan gie segwit bis-sentenza **"Vincent Axisa vs Alfred Fenech et"** (P. A. 16 ta' April 1991) fejn il-Qorti sostniet illi *"din il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandhiex tkun marbuta ma decizjonijiet li jillimitaw il-life expectancy sa massimu ta' ghoxrin sena",* u tali principju gie konsistentement segwit u zvillupat mill-gurisprudenza nostrali tenut kont dejjem tac-cirkostanzi kollha tal-kaz in partikolari, u inkluz *'changes and chances'* tal-hajja b'dan li l-Qorti ma ghandha tkun qatt marbuta ma "*xi massimu gia stabbilit sal-lum li, fl-ahhar mill-ahhar, huwa dejjem arbitarju w opinistiku".* (**"Karen Zimelli vs Michael Sammut"** - P.A.).

Illi din it-tendenza giet segwita f'diversi sentenzi fosthom **"Jacqueline Cassar vs Joseph Buhagiar et"** (P.A. 1.3.1992); **"Duncan Vassallo vs Khalid Schwej"** (P.A. 8 ta' Marzu 1996); **"Robert Barbara vs Saviour Galea"** (P.A.11 ta' Ottubru 1996); **"Susan Davies vs Anthony Galea** (P.A. 10 ta' Ottubru 1997); **"Joseph Attard vs Carmelo D'Amato** (P.A. N.A. 5 ta' Ottubru 1999); **"George Gatt vs Francis E. Carbone"** (App. 7 ta' Lulju 1998); **"Anthony Turner et vs Francis Agius et"** (G.C.D. 17 ta' Frar 1998); **"Arthur Bonello nomine vs James Camilleri et"** (J.S.P. 13 ta' Jannar 1998"), fejn ghalhekk il-*multiplier* gie aggustat sabiex jirrifletti r-realta` odjerna, u aspettattiva iktar ekwa u konformi mal-gustizzja effettiva.

Illi fil-fatt din it-tendenza, alimentata mill-animu sabiex id-danneggjat ikun verament u realment ikkumpensat tad-danni li soffra, u dan apparti l-kuncett ta' *"pain and suffering",* giet mehuda ukoll oltre f'certi pronunzjamenti mill-Qrati taghna, fosthom **"Mary Bugeja vs George Agius"** (P.A. J.H. 12 ta' Jannar 1987) li sostniet illi:-

*"l-Qrati fil-pronincjamenti taghhom dwar il-kriterji li ghandhom jintuzaw biex jippruvaw jaghmlu tajjeb ghall-incertezzi li l-likwidazzjoni ta' danni f'kazijiet simili, dejjem jaghtu lok ghalihom li qatt ma jirrinunzjaw ghall-fakolta` diskrezzjonali taghhom … … …. Dik l-Onorabbli Qorti ppronunzjat ruhha li taqbel li ghandu jkun hemm certa elasticita` ta' kriterju ghaliex il-pronunzjament huwa wiehed ta' probabilita`. Id-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss li meta tinghata b'sentenza mhiex aktar soggetta ghall-ebda revizzjoni. Ghalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realta'".*

Illi fil-fatt din ghandha tkun il-mira ta' kull evalwazzjoni u kalkolazzjoni ta' danni. Din l-istess vina giet segwita fil-kawzi **"Emanuel Agius vs Joseph Galea et nomine"** (K.G.M.B. 11 ta' Lulju 1989) u **"Mario Camilleri vs Mario Borg et nomine"** (G.M.B.) fejn inghad illi *"l-gustizzja li taf il-Qorti hija dik li fil-limiti tar-realta` u kemm huwa possibbli, terga tpoggi l-vittma, ta' kwalsiasi att ingust, fl-istat li kienet qabel … … Huwa ngust li f'dawn il-kazijiet, u fejn ir-restituzzjoni fizika tal-gisem u s-sahha tal-vittma ta' l-att*

*illegali w ingust ta' haddiehor m'huwix possibbli, ma tassikurax kemm tista' jkun kompensazzjoni adegwata. Altru milli imprevist. L-ezercizzju huwa fuq ir-realta` sakemm hija prevedibbli a bazi ta' statistika w induzzjoni".*

Illi aktar jidher car li a bazi tal-ligi taghna, il-kwantifikazzjoni tad-danni hija f'latitudini wiesgha imhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ghalkemm certi principji ghandhom jezistu, u fil-fatt jezistu ghas-soluzzjoni tal-istess, dawn certament ma humiex assoluti, u l-Qorti zgur li ma hijiex obbligata li tapplika l-istess, specjalment meta ir-rizultat tal-applikazzjoni taghhom ma jwassalx ghall-kumpens reali u adegwat.

Illi l-attur allega li kawza tal-incident huwa sofra feriti ta' natura gravi u permanenti fuq il-persuna tieghu. Illi l-espert mediku Mr Charles Grixti fir-rapport tieghu irrelata li l-istess attur "*kiser u zloga l-gok tal-genb tal-lemin bhala rizultat dirett tal-accident li kellu. Il-ksur u l-gok gew impoggijin f'posthom. Ghalkemm il-ksur fieq, il-hsara li soffriet il-qarquca tal-gok tal-genb tista' tizviluppa f'artrite aktar 'il quddiem. Meta jsehh dan Agius jilmenta minn ugiegh fl-istess gok, liema ugiegh jillimitah fil-mixi u f'attivitajiet li jinvolvu l-gok tal-genb tal-lemin. Minhabba dan jien nistma d-dizabilita` li soffra Agius bhala rizultat dirett tal-accident li kellu fit-18 ta' Novembru tal-1996 ta' 10%*".

Illi b'rapport tal-periti perizjuri Mr Anthony A Bernard MD FRCS, FRCS Orth, Mr Carmel Sciberras MD FRCS u Mr

Frederick Zammit Maempel MD FRCS, l-istess periti medici qalu hekk: "*Minkejja li s-Sur Agius ma jhossx ugiegh, izda jilmenta minn ebbusija fil-gok u djghufija tar-rigel li huma rizultat tad-dannu li garrab fil-gok u l-artrite li zviluppat fi zmien qasir, bhala kosegwenza. Huwa wisq probabbli li d-dizabilita` tkompli tizdied u mistenni li jsibha aktar difficli biex jaghmel xogholu. Hemm possibilita` li 'l quddiem ikollu bzonn operazzjoni fejn jinbidillu l-gok (total hip replacement). Fil-fehma taghna, is-Sur Lizio Agius ghandu dizabilita` permanenti stmata ta' 23% (tlieta u ghoxrin fil-mija) bhala rizultat ta' l-incident imsemmi".*

Illi abbazi tal-premess jidher li l-istess attur sofra dizabilta` permanenti ta' 23%, kif irrelataw l-istess periti perizjuri u li ma gewx ikkontestati mill-istess partijiet.

Illi jirrizulta li l-attur huwa bajjad u meta gara l-incident kien jaghmel l-istess xoghol. Illi skond il-kopja tal-prospett tat-taxxa (Dok F a fol. 42) fis-sena 1996 sa Novembru cioe` sakemm gara l-incident in kwistjoni, huwa qala' Lm2,300. Illi tenut kont anki tal-gholi tal-hajja din l-Qorti sejra tahdem fuq id-dhul annwali ta' Lm2,500.

Illi bbazat fuq l-eta` ta' 30 sena, l-attur ghandu hajja lavorattiva ta' 31 sena u ghalhekk mahduma din fuq introjtu ta' Lm2,500 u b'dizabilita` permanenti ta' 23% jirrizulta din is-somma:

Lm2,500 x 31 x 23% = Lm17,825

Illi fuq l-iskorta tas-sentenzi "**Angelo Galea vs Joseph D'Agostino et**" (P.A. (JSP) 16 ta' Dicembru 1996) u "**Olga Busuttil et vs Raymond Muscat**" (P.A. (GCD) 6 ta' Gunju 1997) u "**Arthur Bonello noe et vs James Camilleri et**" (P.A. (JSP) 13 ta' Jannar 1998) la darba ghaddew kwazi sitt (6) snin mid-data tal-incident it-tnaqqis ghall-*lump sum payment* ma ghandux ikun ta' aktar minn 6% b'dan ghalhekk li l-ammont fuq indikat ghandu jinzel b'Lm1,069.50 ghall-Lm16,755.50.

Illi minbarra dan l-attur ikkalkula li kieku ma kellux l-incident kien se jaqla' daqs is-sena precedenti li l-Qorti taghtu bhala Lm2,500. B'hekk fis-sena u nofs li gie ppruvat li ma hadimx kien qala' Lm3,750. Huwa stqarr li dahhal Lm2,042 bhala ghajnuna socjali, biex b'hekk tilef Lm1,708. Dan l-ammont ta' Lm1,708 ukoll ghandu jinghata lill-konvenut rappresentanti xoghol li ma setax jaghmel wara l-incident.
(Lm16,755.50 + Lm1,708 = Lm18,463.50)

Illi l-attur isostni wkoll li hallas diversi ammonti konsistenti fi spejjez medici kif ukoll ghac-certifikati ghall-gimghat li ma setghax jahdem. L-uniku ricevuti pero` li pproduca huma dawk li jammontaw ghal Lm25 lit-Tabib Apap Bologna (Dok 'D' u 'E'). Huwa esebixxa wkoll stima li saritlu sabiex isewwi l-mutur tieghu li tammonta ghall-Lm433. Kwindi dan jammonta ghall-ammont ta' Lm458. (Lm18,463.50 + Lm458 = Lm18,921.50).

Illi b'hekk l-ammont totali dovut lill-attur mill-konvenut huwa ta' tmintax-il elf, disa' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm18,921.50) – (Lm16,755.50 + Lm1,708 + Lm1,458).

Illi ghalhekk din il-Qorti qed tillikwida d-danni sofferti fl-ammont ta' tmintax-il elf, disa' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm18,921.50).

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici**, b'dan illi:

1. Tiddikjara li l-incident stradali li sehh bejn il-partijiet Haz-Zabbar fit-8 ta' Novembru, 1996 gara unikament b'tort u htija tal-konvenut imhabba traskuragni; imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;

2. Tillikwida d-danni li sofra l-attur fis-somma ta' tmintax-il elf, disa' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm18,921.50).

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur in linea ta' danni l-ammont ta' tmintax-il elf, disa' mija u wiehed u

ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm18,921.50) hekk likwidat.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra legali tas-17 ta' Dicembru 1996, dawk ta' l-ittra ufficjali kontra l-konvenut tas-17 ta’ Ottubru 1997, dawk ta' l-ittra ufficjali kontra Allied Insurance Services Ltd (l-assikuraturi tal-konvenut) prezentata kontestwalment ma' din ic-citazzjoni, u bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni attrici fl-4 ta’ Gunju 1998 sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**31 ta’ Jannar 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**31 ta’ Jannar 2002**